MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta tat-2 ta' Gunju, 2014

Numru. 713/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Mercieca)**

**vs.**

**Elaine Muscat**
**Sandro Mifsud**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

**Elaine Muscat,** ta' tletin (30) sena, bint Louis Muscat u Valerie-Helen neé Borg, imwielda Pietà nhar id-19 ta' April 1981 u li toqghod Qawra Towers, Flat 1, Triq il-Qawra, San Pawl il-Bahar, detentrici tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 204981(M)

u

**Sandro Mifsud**, ta' disgha u tletin (39) sena, iben Michael u Maria neé Azzopardi, imwieled Pietà nhar it-13 ta' April 1973, bla indirizz fiss, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 199673(M)

akkuzati talli fis-16 ta' Marzu 2011, ghall-habta tas-6.30pm, gewwa l-Marsa:

1. ikkomettew serq ta' flus kontanti u cekk/cekkijiet, liema serq hu kkwalifikat bil-valur, li ma jeccedix l-elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€ 2329.37), bil-persuna u bil-lok, u li sar ghad-detriment ta' Joseph Camilleri u/jew ta' persuna/i u/jew entitajiet ohra;

2. bi hsara tal-istess Joseph Camilleri, ghamlu qliegh b'qerq *ai termini* tal-Artikolu 309 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema qliegh jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (€ 232.94) izda inqas minn elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€ 2329.37);

<u>**Lil Elaine Muscat wahedha**</u> akkuzata ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi:

3. fi triq jew f'post iehor pubbliku jew f'post espost ghall-pubbliku, tlajjat jew ghamlet biex thajjar ghall-iskop ta' prostituzzjoni jew ghall-skopijiet ohra immorali;

4. kissret l-provediment tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta impost fuqha permezz ta' sentenza definittiva datata 16 ta' Dicembru 2010, moghtija mill-Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D. fejn l-istess Elaine Muscat kienet misjuba hatja ta' sensiela ta' serqiet u kienet giet liberata bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien tlett snin.

**<u>Lil Sandro Mifsud wahdu</u>** akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi:

5. kiser il-provediment tal-Artiklu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta impost fuqu permezz ta' sentenza definittiva datata 16 ta' Awwissu 2010, moghtija mill-Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D., fejn l-istess Sandro Mifsud kien misjub hati ta' komplicita' f'serq u kien gie liberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn.

**<u>Lil Elaine Muscat u Sandro Mifsud akkuzati ukoll talli</u>**:

6. irrendew rwiehom recedivi *ai termini* tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz.

Rat li l-Avukat Generali ta' l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (Dok. "JM 7" – *a fol.* 7).

Rat li, meta sar l-ezami tal-imputati, l-imputati taw il-kunsens taghhom sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (*a fol.* 64 u 65).

Semghet, fis-seduta tad-19 ta' Lulju 2011 (*a fol.* 5), lill-imputati jammettu l-imputazzjonijiet miguba fil-konfront taghhom.

Rat illi, fis-seduta tad-19 ta' Lulju 2011 (*a fol.* 5), il-Qorti ordnat li jigi mhejji *Pre-Sentencing Report* fil-konfront taz-zewg imputati.

Illi, fis-seduta tat-28 ta' Mejju 2012 (*a fol.* 118), il-Qorti staqsiet liz-zewg imputati jekk kienux qed jikkonfermaw l-ammissjoni ta' htija taghhom ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghhom, liema ammissjoni kienet giet registrata fis-seduta tad-19 ta' Lulju 2011, u t-tnejn wiegbu li ma kienux hatja tal-

imputazzjonijiet addebitati lilhom u b'hekk irtiraw l-ammissjoni originali taghhom.

Illi, fis-seduta tat-28 ta' Mejju 2012 (*a fol.* 118), il-Qorti, in vista tal-fatt li l-imputati irtiraw l-ammissjoni taghhom ghall-imputazzjonijiet addebitati lilhom, ordnat lill-Ufficjali tal-*Probation* li kienu hejjew il-*Pre-Sentencing Report* fil-konfront taz-zewg imputati sabiex ma jixhudx f'dawn il-proceduri u ma jipprezentawx ir-rapporti redatti minnhom.

Semghet lix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Rat li l-imputata ghazlet li ma tixhidx u anqas ressqet ebda provi.

Semghet lill-imputat jixhed minn jeddu u b'mod volontarju.

Semghet lix-xhud prodott mill-imputat.

Semghet it-trattazzjoni *da parte* tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza (*a fol.* 194 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xhieda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tat-18 ta' Gunju 2012, xehed **PS 1243 George Polidano** (*a fol.* 120 *et seq.*) fejn ipprezenta r-rapport redatt minnu li gie mmarkat bhala Dok. "JB 1" (*a fol.* 122 *et seq.*). Jghid li kellem lil Joseph Camilleri li qallu li kien halla l-vettura tieghu pparkjata sakemm nizel biex jixtri pakkett sigaretti u lemah lil zaghzugh li ghandu madwar hamsa u tletin (35) sena jehodlu l-kartiera mill-vettura. Jghid li kien hemm vettura tat-tip Ford Focus bil-kulur jew *silver* jew abjad. Jispjega li gera wara dan il-persuna u dan tah il-flus lura. Ma jafx kemm kien l-ammont.

Illi, fis-seduta tat-18 ta' Gunju 2012, xehed ukoll is-**Surgent Maggur John Mary Cefai** (*a fol.* 128 *et seq.*) fejn qal li fis-16 ta' Marzu 2011 kien xoghol il-*control room* u qal li wiehed mill-

*operators* kien qallu li certu Joseph Camilleri kien qed jghid li kienu hadulu l-kartiera pero rnexxielu jehodha lura. Jispjega li peress li kien sar rapport ta' serq u avolja l-kartiera giet moghtija lura u avolja Camilleri qallu li ma ried xejn, xorta qal lil Camilleri biex imur l-Ghassa tal-Msida u jaghmel rapport hemm.

Illi, fis-seduta tat-18 ta' Gunju 2012, xehed ukoll **Joseph Camilleri** (*a fol.* 130 *et seq.*) fejn qal li lill-imputati ma jafhomx. Jghid li rahom darba biss u rahom darba ohra meta kellmu l-Ufficjal Prosekutur. Mistoqsi jghid mill-Qorti jekk jarafhomx jghid li filwaqt li lill-imputata setgha jaghrafha, lill-imputat ma kienx cert minnu. Jispjega li ghal habta ta' Marzu/April 2011 ra lill-imputata, hares lejha, ittantaha, ghamlitlu sinjal li kollox kien sew, marru f'post imwarrab u urietu li kienet tax-xoghol. Jghid li ma kellux x'jaqsam maghha. Jghid li telqet mill-vettura u li kollox kien normali. Jghid li meta nizlet mill-vettura raha tghaggel. Jghid li kif harget hass li kien hemm xi haga hazina ghax harbet tigri. Jixhed li kien hemm vettura Focus bajda jew griz *metallic* u qala' *gas down*. Jghid li f'dan il-hin induna li kellu l-kartiera nieqsa u b'hekk beda jigri warajhom. Jghid li l-imputata damet madwar hames-ghaxar minuti fil-vettura. Jghid li ma rax lill-imputata tiftah il-*compartment* fejn kienet il-kartiera. Jahseb li kien qieghed jidlam pero ma kienx ghadu dalam. Jghid li mhux cert fuqha. Jghid li cempel id-*depot* u baqa' jsuq wara l-vettura li semma, waslu l-Pietà u f'dan il-hin il-vettura l-ohra habtet ma' bankina u spiccat b'daqqa tajba. Jghid li fil-vettura kien hemm zewg min nies. L-imputata ma kienitx qed issuq. Jghid li s-sewwieq kien ragel. Jghid li mar ghall-kartiera u din giet moghtija lura lilu. Jghid li ma kellu xejn nieqes. Jispjega li talbuh € 20 ghat-*towing* u tahilhom. Jghid li talbuh biex ma jirrapurtax pero qal li kien diga cempel id-*depot*. Jispjega li mid-*depot* qalulu biex imur jaghmel rapport. Mistoqsi jghid x'kellu fil-kartiera jghid li kellu cekk ta' ghaxart'elef Euro, kellu cekk li ma jafx kemm kien ezatt u kellu xi haga zghira *cash* madwar € 600. Jghid li rkupra kollox. Jghid: *"Nahfrilhom bil-mod li jien tmintax-il sena ilu kelli l-istess problema taghhom"* (*a fol.* 134). Mistoqsi ghalxiex qed jirreferi, jghid: *"Kelli storja li ma kontx bil-ghaqal"* (*a fol.* 134).

Illi, fis-seduta tat-18 ta' Gunju 2012, xehed ukoll l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Joseph Mercieca** (*a fol.* 135 *et seq.*) rigward l-

investigazzjoni redatti minnu. Jghid li kif sema n-numru ta' vettura ccekkja u rrizultalu li din il-vettura ssejjah lil certu Sandro Mifsud. Jghid li tkellem ma' Joseph Camilleri li spjegalu x'kien gara u li dan kien qallu li fil-kartiera kellu € 640, cekk jew cekkijiet bl-ammont ta' € 11,830. Jghid li l-Pulizija accediet fuq il-post fejn kien hemm il-vettura, kien hemm diga *tow truck* biex jittowjaha u hdejha kien hemm iz-zewg imputati. Jixhed li l-imputata qaltlu li kienet ltaqet ma' Camilleri ghal skopijiet ta' prostituzzjoni, ftehmu prezz biex ikollu x'jaqsam maghha. Jghid li l-imputata qaltlu li hi kienet hadmet aktar milli ftehmu u ma ftehmux u li kellu jaghtiha iktar mill-prezz li ftehmu. Jghid li qaltlu li rat il-kartiera x'imkien bejn is-*seats* tal-vettura u hadithielu u wara kien hemm l-insegwiment il-Marsa li baqa' sejjer sal-Pietà. Jghid li ma nstabu l-ebda armi fil-vettura ta' Camilleri li cahad li kellu xi armi tan-nar. Jghid li mir-ricerka li ghamel irrizulta li Camilleri ma ghandu l-ebda armi. Jghid li tul l-interogazzjoni, l-imputat irrepeta kemm-il darba li jekk Camilleri jixhed kontrih huwa jpattihielu.

L-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Joseph Mercieca** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tat-8 ta' April 2013 (*a fol.* 164 *et seq.*) fejn ezebixxa erba' sentenzi mmarkati bhala Dok. "JM 1" sa "JM 4" (*a fol.* 166 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tal-24 ta' Settembru 2012, xehed **PS 74 Mark Chetcuti** (*a fol.* 140) fejn ezebixxa r-relazzjoni tieghu, li tikkonsisti f'numru ta' ritratti, liema relazzjoni giet immarkata bhala Dok. "MC 1" (*a fol.* 142 *et seq.*).

Ili, fis-seduta tal-24 ta' Settembru 2012, xehed ukoll **Stephen Cachia** (rapprezentant *Transport Malta – a fol.* 146 *et seq.*) fejn qal li mentri vettura bin-numru ta' registrazzjoni HBH 205 hija Ford Focus ta' kulur *silver* li hija registrata fuq Joseph Mamo (I.D. Nru. 772455(M)) ghan-nom ta' Valley Auto-dealer, vettura bin-numru ta' registrazzjoni JBL 627 hija Hyundai Getz ta' kulur griz registrata fuq Carmel Farrugia (I.D. Nru. 594350(M)). Ezebixxa d-dokumentazzjoni li xehed fuqha li giet immarkata bhala Dok. "SC 1" (*a fol.* 148 *et seq.*).

**Stephen Cachia** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tat-8 ta' April 2013 (*a fol.* 178 *et seq.*) fejn xehed fuq vettura bin-numru ta' registrazzjoni GBL 627 li hija BMW X5 ta' kulur *silver* u ezebixxa dokumentazzjoni li xehed fuqha, liema dokumentazzjoni giet immarkata bhala Dok. "SC 2" (*a fol.* 180 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tat-8 ta' April 2013, xehed **PC 1009 John Cassar** (*a fol.* 158 *et seq.*) fejn qal li Joseph Camilleri kien qallu li kienu hadulu l-kartiera. Jghid li ha r-rapport li gie ezebiet u mmarkat bhala Dok. "JC 1" (*a fol.* 160 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tas-7 ta' Ottubru 2013, xehed l-imputat **Sandro Mifsud** (*a fol.* 186 *et seq.*) fejn qal li kien mat-tfajla tieghu, l-imputata, u waqaf jixtri go *confectionery* u ghadda persuna li kien ghamillu *statement* fil-passat u gideb fuqu u dan beda jhares u ttanta lit-tfajla tieghu. Jghid: *"Jiena peress li ridt immur ghand Dr. Brincat fuq xi haga ta' separazzjoni li kelli ma' l-mara w hekk inzilt 'l isfel u ghidtilha ibqa' ixtri inti u hallas inti, ghidtilha gej. Fil-pront tlajt fuq, rajt hafna nies u tlaqt 'l hemm. Ma nafx kif u x'fatta meta mort hdejn il-confectionery ma rajthiex [lill-imputata]"* (*a fol.* 186). Jixhed li saq lejn il-Marsa, sema qisu letikar u ra lill-imputata gejja tigri, din rikbet gol-vettura u qaltlu li dak li kien ghamillu *statement* offrielha l-flus u jkompli jghid: *"ghax ma kellniex xi haga ta' l-flus, hi marret mieghu"* (*a fol.* 186). Jghid li saq, lanqas ra li kien qieghed warajh, u hekk kif kien nizel mill-Pietà, dan il-persuna jaghtih daqqa fuq wara u ghamillu spejjez ta' elf u tmien mija fil-vettura u wegghalu saqajh. Jghid: *"hi [l-imputata] qaltli dan id-diskors, qaltli: jien rkibt mieghu biex nehodlu minn rasu ghalfejn kien ghamillek hekk hekk u hekk, ghal istatement, u kien offrielha xi droga wkoll qaltli"* (*a fol.* 187).

In <u>kontro-ezami</u> mistoqsi jghid jekk lill-imputata staqsihiex ghaliex dan il-persuna kien qed jigri warajhom, wiegeb fin-negattiv. Jghid li nduna li dan il-persuna kien qed isuq warajh meta tah id-daqqa. Jichad li kien jaf li kienu ttiehdu xi flus minn ghand dan il-persuna u li din kienet ir-raguni ghala dan il-persuna mar jigri warajhom. Mistoqsi jghid jekk hux minnu li kienu marru f'dak il-post ghal skop ta' prostituzzjoni jghid li dakinhar ma jidhirlux li kien hemm prostituzzjoni. Jghid li hu qatt ma mar ghal dan. Jaqbel li vettura bin-numru ta' registrazzjoni HBH 205 hija

tieghu u dakinhar tal-akkadut kien qed isuq tali vettura. Jghid li lil Camilleri ma fittxux ghal ebda danni. Jghid li stenna lil Pulizija tiehu passi. Jghid li ma setghax ifittxu minhabba li ghandu problemi finanzjarji.

Illi, fis-seduta tal-4 ta' Novembru 2013, xehed **Dr. Joseph Spiteri** (*a fol.* 190 *et seq.*) fejn qal li l-imputata kienet taht il-kura tieghu ghal aktar minn tliet snin. Jixhed li jaf li kienet tbaghti minn problema ta' *depression* kif ukoll ta' tehid ta' sustanzi lleciti. Jghid: *"Hi qeghda f'relazzjoni ma' l-istess imsemmi Sandro Mifsud illi kemm gie din stess tkun ta' problema u minbarra hekk l-upbringing taghha ghamilha vulnerabbli w ghalhekk tkun suxxettibbli li tidhol f'dawn il-kriminilatijiet li huma pjuttost zghar li eventwalment jistghu jikbru wkoll. Pero madankollu wiehed irid jghid illi hi meta tkun qeghda clean ggib ruhha sew, tiehu l-ghajnuna li ghandha bzonn u tiehu l-lura psikjatrika li jkollha bzonn, biss meta tkun taht l-effett ta' droga l-kontrolli jonqsu ghal kollox"* (*a fol.* 190). Jiddeskrivi lill-imputata bhala *"the follower"* milli *"the leader"* (*a fol.* 191).

In <u>kontro-ezami</u> mistoqsi jghid x'tip ta' kura jissuggerixxi, ighid li minkejja li fl-antik l-imputata ghamlet attentati ghal programm, mhux dejjem kompliethom *"to the full containment"* (*a fol.* 191). Jghid: *"sa fejn naf jien hi qatt ma hadet dak il-vantagg kollu minn ta' programm. Jigifieri programm jghinha zgur pero' ghandha bzonn ukoll ghajnuna psikologika fuq bazi individwali"* (*a fol.* 191).

**Ikkunsidrat**

Illi fl-istqarrija (Dok. "JM 1" – *a fol.* 66 *et seq.*) rilaxxata mill-imputat Mifsud, liema stqarrija giet rilaxxata wara li l-imputat inghata dritt li jikkonsulta mal-avukat ta' fiducja tieghu u huwa ha dan id-dritt, l-imputat jichad li kien sar xi serq ta' kartiera minn Joseph Camilleri. Ma wegibx ghal numru ta' domandi li saru lilu. Jghid li kull gimgha jaghti kampjun ta' l-urina d-Detox u ilu ghal dawn l-ahhar tmien xhur ma jabbuza mid-droga.

Illi fl-istqarrija (Dok. "JM 2" – *a fol.* 68 *et seq.*) rilaxxata mill-imputata Muscat, liema stqarrija giet rilaxxata wara li l-imputata nghatat id-dritt li tikkonsulta mal-avukat ta' fiducja taghha u hija hadet dan id-dritt, l-imputata tispjega li kienet il-Marsa, ghadda

Joseph Camilleri minn quddiemha diversi drabi, ghamlilha sinjal, ftehmu fuq prezz, hu ried jaghmel aktar milli ftehmu, pero imbaghad waqaf. Tispjega li meta Camilleri kien qed ibaghbas, hi haditlu l-flus minn go kartiera li kellu bejn is-*seats* tal-vettura. Tghid li ma kienet taf b'xejn bic-cekkijiet. Tghid li kif lestew, harget mill-vettura, mxiet lejn il-vettura tal-imputat u telghet fiha u l-imputat beda jsuq u wara xi hin Camilleri beda jteptep id-dawl tal-vettura u beda jsuq warajhom. Tghid li lill-imputat qaltlu li hasbet li kien qed jaghmel hekk ghax kienet haditlu l-flus. Tghid li sa dak il-hin ma tafx kemm kien hemm flus. Tispjega li f'hin minnhom gew vettura ma' vettura u li Camilleri qalilhom biex iwaqqfu ghax kien ser jaghtihom erba' tiri *"b'dan"* (*a fol.* 69) u hi hasbet li Camilleri kellu xi arma ghax jidhrilha li rat xi haga sewda f'idejh. Tghid li baqghu sejrin u f'hin minnhom Camilleri dahal fuq il-vettura taghhom minn wara, il-vettura daret u waqfu. Tispjega li Camilleri mar hareg arma zghira sewda minn taht is-*seat* tal-vettura u uriehulhom baxx baxx. Tghid li lil Camilleri tatu l-flus. Tispjega li Camilleri telaq u huma cemplu ghal *tow truck* u li wara ftit marru l-Pulizija. Tghid li tul dawn l-ahhar erba' xhur kemm ilha taht *probation officer*, ir-rizultati kienu kollha *clean*. Tghid: *"Jien nixtieq nibdel hajti kif fil-fatt qed nipprova naghmel. Meta kont il-habs flok mort ghall-ahjar tkissirt"* (*a fol.* 70).

**Ikkunsidrat**

**<u>IMPUTAZZJONIJIET ADDEBITATI FIL-KONFRONT TAZ-ZEWG IMPUTATI</u>**

**<u>L-Ewwel (1) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Serq Aggravat)</u>**:
Ili z-zewg imputati jinsabu akkuzati b'din l-imputazzjoni. Il-Qorti semghet il-verzjoni moghtija minn Joseph Camilleri u dik moghtija mill-imputat Sandro Mifsud. L-imputata ma xehditx f'dawn il-proceduri. Minkejja dak li jirrizulta fir-rapport ezebiet u mmarkat bhala Dok. "JB 1" (*a fol.* 122 *et seq.*), fejn jinghad li Joseph Camilleri kien irraporta li kien lemah lil zaghzugh jehodlu l-kartiera mill-vettura, jirrizulta li l-verzjoni ta' Joseph Camilleri tbiddlet meta huwa xehed quddiem il-Qorti. Il-Qorti tista' tifhem ir-raguni ghala Joseph Camilleri rraporta dak li rapporta originarjament, pero fl-istess waqt jista' jaghti l-kaz li Joseph Camilleri

originarjament ghamel rapport falz lill-Pulizija. Ghaldaqstant, minkejja li dak li ser jinghad m'huwiex mertu tal-kawza odjerna, ikun ghaqli kieku l-Pulizija tinvestiga u tara jekk hemmx lok li Joseph Camilleri jigi nvestigat jekk ghamilx rapport falz jew le lill-Pulizija.

Illi l-verzjoni moghtija minn Joseph Camilleri quddiem il-Qorti jirrizulta li hija dik veritjiera u li tirrifletti dak li verament gara dakinhar tas-16 ta' Marzu 2011 u dana peress illi tali verzjoni hija ko-erenti mal-verzjoni moghtija mill-imputata meta hija rilaxxat l-istqarrija taghha (Dok. "JM 2" – *a fol.* 68 *et seq.*), liema stqarrija giet rilaxxata wara li l-imputata nghatat id-dritt li tikkonsulta mal-avukat ta' fiducja taghha u hija hadet dan id-dritt. Minkejja li fis-sottomissjonijiet finali rigward dan il-kaz, id-difiza tghid li l-imputata messha giet akkuzata taht l-Artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, dan l-argument ma jregiex *stante* li jirrizulta li l-imputata effettivament hadet il-kartiera tal-imputat minn fejn kienet u harbet tigri biha u gara li gara. M'hemmx dubju li l-ewwel (1) imputazzjoni giet pruvata fil-konfront tal-imputata. Da parte tieghu, l-imputat baqa' jigri wara li l-imputata telghet fil-vettura wara li kienet hadet il-kartiera tal-imputat. Minn dak li jirrizulta fl-atti processwali u mill-involviment tal-imputat dakinhar tas-16 ta' Marzu 2011 jirrizulta li l-imputazzjoni giet pruvata wkoll fil-konfront tal-imputat.

Illi fir-rigward tal-kwalifiki ta' valur, tal-persuna u tal-lok, il-Qorti, tinnota li filwaqt li l-kwalifika tal-valur gie pruvat, mhux l-istess jista' jinghad rigward il-kwalifika tal-lok u tal-persuna. Ghaldaqstant, l-imputati ser jigu misjuba hatja tal-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront taghhom, bil-kwalifika tal-valur biss.

**<u>It-Tieni (2) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Kazijiet ohra ta' qliegh b'qerq)</u>**:
Illi fis-seduta tat-18 ta' Gunju 2012 (*a fol.* 119) l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li din l-imputazzjoni giet moghtija bhala alternattiva ghall-ewwel (1) imputazzjoni. Ghaldaqstant, *stante* li ser tinstab htija fl-imputati fir-rigward tal-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront taghhom, il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni (2) imputazzjoni.

**<u>IMPUTAZZJONIJIET ADDEBITATI FIL-KONFRONT TAL-IMPUTATA ELAINE MISCAT BISS</u>**

**<u>It-Tielet (3) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Tlajjar jew Ghamlet biex thajjar ghal skop ta' prostituzzjoni jew ghall-skopijiet ohra immorali)</u>**:
Illi ghall-finijiet ta` apprezzament tal-fatti rizultanti, din il-Qorti zzomm quddiem ghajnejha dak migjub fis-sentenza tal-25 ta' Jannar 2007 moghtija mill-Qorti ta` l-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Josephine Grixti**, u senjatament:

> "Illi kif ben tajjeb gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta mill-Onor. Imhallef Dr. David Scicluna fil-kawza "**Il-Pulizija vs. Mary Rose Vassallo"** [29.3.2006] citata mill-appellanti, biex tirmexxi prosekuzzjoni taht l-artikolu 7(2) tal-Kap. 63, irid jigi pruvat, fil-grad rikjest mil-ligi ghall-procedimenti penali, li l-persuna akkuzata tkun, fi triq jew f'post pubbliku jew espost ghall-pubbliku, tlajjat (*loitered*) jew ghamlet biex thajjar (*"solicited"*) ghal skop ta' prostituzzjoni jew skopijiet immorali ohra. Tali prova ssir permezz, u tista' tirrizulta minn diversi cirkostanzi, mehudha wahedhom jew flimkien, bhal per ezempju, diskors li ntqal, pozi li jittiehdu, ilbies li jintlibes, kemm persuna ddum f' post partikolari u lil min tavvicina u hafna cirkostanzi ohra.
>
> Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti kif preseduta fl-Appell Kriminali **"Il-Pulizija vs. Michael Falzon"** [19.6.2002] il-kliem: *"jitlajja jew jaghmel biex ihajjar ghal skop ta' prostituzzjoni"* u (*"loiters or solicits for the purpose of prostitution"*, fit-test Ingliz) ma jirrikjedix li jkun hemm l-element li wiehed idejjaq lil dak li jkun jew *"importuning"* billi wiehed ikun *"petulanti, insistenti , nojjuz u koncetti simili"*. Bizzejjed li persuna tkun miexja jew tistenna f'post maghruf ghal skop ta' laqghat immorali jew ta' prostituzzjoni. Hemm umbaghad cirkostanzi ohra li jindikaw li t-tlajjar ikun qed isir ghal skop immorali, bhal meta jsir f'xi triq mudlama jew

> imwarrba jew xi gnien pubbliku mwarrab jew mudlam u f'post li jkun maghruf ghal dan l-iskop. L-element tat-thajjir umbaghad jista' jigi dezunt minn ilbies qasir u provokanti tal-persuna li tkun qed titlajja b'mod li jindika lil dak li jkun li dik tkun persuna abitwata u mixhuta fix-xoghol tal-prostituzzjoni u li qeghda hemm ghal dak l-iskop. L-element tac-**"circumstantial evidence"** huwa f'dan ir-reat evidentement importanti u minnu wiehed jista' jiddezumi il-veri intenzjoni ta' dak li jkun".

Illi l-Qorti semghet lil Joseph Camilleri jispjega li ghal habta ta' Marzu/April 2011 ra lill-imputata, hares lejha, ittantaha, ghamlitlu sinjal li kollox kien sew, marru f'post imwarrab u urietu li kienet tax-xoghol. Jghid li ma kellux x'jaqsam maghha. Jghid li telqet mill-vettura u li kollox kien normali. Fl-istqarrija (Dok. "JM 2" – *a fol.* 68 *et seq.*) rilaxxata mill-imputata, l-imputata tispjega li kienet il-Marsa, ghadda Joseph Camilleri minn quddiemha diversi drabi, ghamlilha sinjal, ftehmu fuq prezz, hu ried jaghmel aktar milli ftehmu, pero imbaghad waqaf. Tispjega li meta Camilleri kien qed ibaghbas, hi haditlu l-flus minn go kartiera li kellu bejn is-*seats* tal-vettura.

Illi, a bazi ta` dawn ir-rizultanzi kollha, il-Qorti ma jibqghalha l-ebda dubju li t-tielet (3) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputata giet ukoll sodisfacentement pruvata.

**<u>Ir-Raba' (4) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Ksur ta' Provediment ta' l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>**:
Illi l-Prosekuzzjoni ezebiet kopja vera tas-sentenza li ssir riferenza ghaliha fir-raba' (4) imputazzjoni, liema sentenza giet mmarkata bhala Dok. "JM 5" (*a fol.* 80 *et seq.*) minn liema sentenza jirrizulta li l-konnotati hemm indikati tal-persuna li fil-konfront taghha nghatat is-sentenza huma identici ghal dawk tal-imputata fil-kawza odjerna u ghalhekk il-Qorti m'ghandha l-ebda dubju li din is-sentenza fil-fatt inghatat fil-konfront tal-imputata odjerna Elaine Muscat. Ghaldaqstant, il-Qorti ser issib htija fl-imputata fir-rigward tar-raba' (4) imputazzjoni migjuba fil-konfront taghha.

**<u>IMPUTAZZJONI ADDEBITATA FIL-KONFRONT TAL-IMPUTAT SANDRO MIFSUD BISS</u>**

**<u>Il-Hames (5) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Ksur ta' Provediment ta' l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>**:
Illi l-Prosekuzzjoni ezebiet kopja vera tas-sentenza li ssir riferenza ghaliha fil-hames (5) imputazzjoni, liema sentenza giet mmarkata bhala Dok. "JM 2" (*a fol.* 168 *et seq.*) minn liema sentenza jirrizulta li l-konnotati hemm indikati tal-persuna li fil-konfront taghha nghatat is-sentenza huma identici ghal dawk tal-imputat fil-kawza odjerna u ghalhekk, bhal fil-kaz tar-raba' (4) imputazzjoni, il-Qorti m'ghandha l-ebda dubju li din is-sentenza fil-fatt inghatat fil-konfront tal-imputat odjern Sandro Mifsud. Ghaldaqstant, il-Qorti ser issib htija fl-imputat fir-rigward tal-hames (5) imputazzjoni addebitata fil-konfront tieghu.

**<u>IMPUTAZZJONI ADDEBITATA FIL-KONFRONT TAZ-ZEWG IMPUTATI</u>**

**<u>Is-Sitt (6) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Recidiva)</u>**:
Illi l-Prosekuzzjoni ezebiet numru ta' sentenzi moghtija fil-konfront taz-zewg imputati. Fil-konfront tal-imputat Sandro Mifsud, gew ipprezentati vera kopji ta' sentenzi li gew immarkati bhala Dok. "JM 2" (*a fol.* 168 *et seq.*), Dok. "JM 3" (*a fol.* 171 *et seq.*), u Dok. "JM 4" (*a fol.* 174 *et seq.*). Fil-konfront tal-imputata Elaine Muscat, gew ipprezentati vera kopji ta' sentenzi li gew immarkati bhala Dok. "JM 3" (*a fol.* 71 *et seq.*), Dok. "JM 4" (*a fol.* 74 *et seq.*), Dok. "JM 5" (*a fol.* 80 *et seq.*), Dok. "JM 6" (*a fol.* 86 *et seq.*), u Dok. "JM 1" (*a fol.* 166 *et seq.*).

Illi mis-sentenzi kollha msemmija (ghajr ghal dawk immarkati bhala Dok. "JM 3" (*a fol.* 171 *et seq.*) u Dok. "JM 4" (*a fol.* 174 *et seq.*)) jirrizulta li l-konnotati hemm indikati tal-persuni li fil-konfronti taghhom inghataw is-sentenzi huma identici ghal dawk tal-imputati fil-kawza odjerna u ghalhekk il-Qorti m'ghandha l-ebda dubju li dawn is-sentenzi fil-fatt inghataw fil-konfront tal-imputati odjerni. Fir-rigward tas-sentenzi mmarkati bhala Dok.

"JM 3" (*a fol.* 171 *et seq.*) u Dok. "JM 4" (*a fol.* 174 *et seq.*), *stante* li tali sentenzi ma jikkontenjux il-konnotati tal-imputat fil-konfront ta' liema nghataw is-sentenzi u *stante* li l-Prosekuzzjoni naqset milli tressaq xhieda rigward l-identifikazzjoni tal-imputat, il-Qorti mhijiex ser tikkunsidra tali sentenzi, cioé Dok. "JM 3" (*a fol.* 171 *et seq.*) u Dok. "JM 4" (*a fol.* 174 *et seq.*).

Illi, wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni s-sentenzi li gew ipprezentati fil-konfront tal-imputata u a bazi ta' dak li nghad hawn fuq fir-rigward ta' tali sentenzi, il-Qorti jirrizultalha l-addebitu tar-recidiva gie pruvat fir-rigward tal-imputata. Mhux l-istess jista' jinghad fir-rigward tal-imputat u dana *stante* li fil-konfront tieghu gew ipprezentati vera kopji ta' tlitt sentenzi, li tnejn minnhom (cioé Dok. "JM 3" (*a fol.* 171 *et seq.*) u Dok. "JM 4" (*a fol.* 174 *et seq.*)) m'humiex ser jigu konsidrati, ghar-ragunijiet indikati hawn fuq, u fis-sentenza l-ohra (Dok. "JM 2" – *a fol.* 168 *et seq.*) l-imputat gie kkundannat ordni ta' *probation* li ma tistax titqies bhala kundanna. Ghaldaqstant, il-Qorti mhijiex ser issib lill-imputat Sandro Mifsud bhala recidiv.

**Ikkunsidrat**

Illi huma biss is-segwenti imputazzjonijiet li gew pruvati: l-ewwel (1) wahda bil-kwalifika tal-valur biss, it-tielet (3), ir-raba' (4) u l-hames (5) imputazzjoni. Fir-rigward tas-sitt (6) imputazzjoni, hija biss l-imputata li ser tinstab hatja taghha.

Illi, fir-rigward tal-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputati, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: il-fedina penali taz-zewg imputati[1] minn liema jirrizulta li l-imputati kisru difrjehom mal-ligi diversi drabi, in-natura tar-reati addebitati lilhom u li gew pruvati, dak li xehed Dr. Joseph Spiteri fir-rigward tal-imputata u kif ukoll il-fatt li z-zewg imputati kisru provediment tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Qorti tinnota li minkejja li z-zewg imputati

[1] Dok. "JM 10" (*a fol.* 9 *et seq.*) u Dok. "JM 11" (*a fol.* 37 *et seq.*).

nghataw cans diversi drabi sabiex jirriformaw hajjithom huma baqghu ma hadux dan ic-cans. Ghaldaqstant, il-Qorti m'ghandhiex alternattiva hlief li din id-darba timponi terminu ta' prigunerija effettiva fil-konfront taz-zewg imputati.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront taz-zewg imputati,

- fir-rigward tal-imputat **Sandro Mifsud,** ma ssibux hati tal-kwalifika tal-persuna u tal-lok indikati f'imputazzjoni mmarkata bin-numru wiehed (1) u ma ssibux hati wkoll tas-sitt (6) imputazzjoni u b'hekk tilliberah mill-kwalifiki tal-persuna u tal-lok indikati f'imputazzjoni mmarkata bin-numru wiehed (1) u tilliberah ukoll mis-sitt (6) imputazzjoni, wara li rat Artikoli 261(c) u 267 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u Artikoli 7 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat Sandro Mifsud hati tal-imputazzjoni mmarkata bin-numru wiehed (1) [cioé ta' serq kwalifikat bil-valur **biss**] u tal-imputazzjoni mmarkata bin-numru hamsa (5) u filwaqt li, fir-rigward tal-imputazzjoni mmarkata bin-numru hamsa (5) taghzel li ma titrattax mal-imputat ghar-reati li taghhom kien inghata provediment a bazi tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, fir-rigward tal-imputazzjoni l-ohra li giet pruvata (cioé dik ta' serq bil-kwalifika tal-valur biss), il-Qorti tikkundanna lill-imputat ghal perjodu ta' ghaxar (10) xhur prigunerija;

- fir-rigward tal-imputata **Elaine Muscat,** ma ssibhiex hatja tal-kwalifika tal-persuna u tal-lok indikati f'imputazzjoni mmarkata bin-numru wiehed (1) u b'hekk tilliberaha mill-imsemmija kwalifiki, u wara li rat Artikoli 49, 50, 261(c), 267 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikolu 7(2) tal-Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta' Malta, u Artikoli 7 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputata Elaine Muscat hatja tal-imputazzjoni mmarkata bin-numru wiehed (1) [cioé ta' serq kwalifikat bil-valur **biss**] u tal-imputazzjonijiet mmarkati bin-numri tlieta (3), erbgha (4), u sitta (6) u filwaqt li, fir-

rigward tal-imputazzjoni mmarkata bin-numru erbgha (4) taghzel li ma titrattax mal-imputata ghar-reati li taghhom kienet inghatat provediment a bazi tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, fir-rigward tal-imputazzjonijiet l-ohra li gew pruvati (cioé imputazzjoni mmarkata bin-numru wiehed (1) [kwalifikat bil-valur **biss**] u tal-imputazzjonijiet mmarkati bin-numri tlieta (3) u sitta (6)), il-Qorti tikkundanna lill-imputata ghal perjodu ta' tnax (12) il-xahar prigunerija.

Il-Qorti taghmel rakkomandazzjoni espressa lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin sabiex minhabba l-problema ta' droga li ghandhom l-imputati, l-istess imputati jinghataw l-ghajnuna kollha necessarja f'dan ir-rigward.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------